# Kelmtejn minn Fr Krystof L-Amministratur Parrokkjali

Fl-1 ta' Mejju l-Knisja tatna l-opportunità li ngħixu l-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, u aħna bħala parroċċa sejrin nerġgħu niċċelebraw din it-tifkira nhar il-Ħadd 5 ta' Mejju permezz ta' konċelebrazzjoni solenni fil-5:00pm u purċissjoni qasira dritt wara. Għalfejn issir din il-festa jekk diġà ċċelebrajna lil San Ġużepp fid-19 ta' Marzu? Dan sabiex flimkien ma' San Ġużepp, din id-darba nkunu nistgħu ngħixu kull biċċa xogħol bħala barka u mhux saħta.



Fil-ktieb tal-Ġenesi naraw lil Alla jaħdem fil-ħolqien tad-dinja u meta joħloq lill-bnedmin u jagħmilhom li jkunu jixbhuh jgħidilhom: "Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmu fuqha, u saltnu fuqha..." (Ġen 1,28). Dan jiġifieri li hu jistedinhom biex ikomplu x-xogħol tal-ħolqien li beda hu u dan jurina kemm tana biċċa xogħol sabiħa u qaddisa. Imma wara li x-xitan fesfes f'widnejn il-bnedmin is-suspett fuq Alla biex ma jafdawx fiH u biex jaħsbu għal rashom billi jaħtfu l-frott tas-siġra li kien qalilhom biex ma jiklux minnha, jiġri li x-xogħol jinbidel f'saħta, u Alla lill-bniedem jgħidlu: "misħuta l-art minħabba fik; bit-taħbit tiekol minnha... u int bl-għaraq ta' ġbinek tiekol ħobżok" (Ġen 3,17-19). Dan għalfejn wara d-dnub, ix-xogħol, minn barka u sbuħija jinbidel f'saħta u tbatija? L-ewwel nett, dan jiġri meta tonqos il-fiduċja f'Alla u ma nemmnux li kull biċċa xogħol li jordnalna nagħmlu hi ġid għalina, u t-tieni nett jiġri hekk ukoll meta f'dak li nagħmlu nfittxu biss li nissodisfaw lilna nfusna u niġu naqgħu u nqumu mill-għajnuna li nistgħu nagħtu lill-oħrajn.

Ejjew għalhekk nitolbu lil Alla f'dawn il-jiem sabiex kull biċċa xogħol li ssir anki fil-parroċċa tagħna tkun l-ewwel nett immotivata mill-fidi tagħna f'Alla skont dak li jrid hu, u mbagħad isservi biex bi mħabba nissodisfaw u naqdu l-bżonnijiet ta' xulxin aktar milli dawk tagħna nfusna.

## AVVIŻI:

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** ifakkar li nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju se jkun hemm laqgħa oħra fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur. Il-programm ser ikun hekk: fis-6:00pm jibda Rużarju quddiem Ġesù Espost u wara jkun hemm Quddiesa. Isir talb għall-morda u għall-vokazzjonijiet kif ukoll għall-paċi fid-dinja kollha. Kulħadd huwa mistieden.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju fil-5:30pm, fi Triq iż-Żerniq, kantuniera ma' Triq Sant Indrija. Kulħadd mistieden.

**L-ILBIESI U R-RITRATTI GĦALL-KTIEB TAL-EWWEL TQARBINA:** l-ilbiesi se jingħataw nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju fis-Sala Parrokkjali fi Triq Xandriku mill-5:00pm sas-6:30pm. Meta tiġu għal-libsa tat-tfal, se nagħtukom ittra oħra bi ftit struzzjonijiet dwar kif tużaw l-ilbiesi u meta ġġibuhom lura. Din is-sena **r-ritratt tat-tfal** għall-ktejjeb ta' tifkira; ser jittieħdu fis-sala stess, f'din il-ġurnata wkoll. Ser ikun hemm fotografu apposta. Importanti li **jattendi kulħadd** fil-ġurnata indikata.



**QUDDIESA FIL-FESTA TA' SAN ĠORĠ PRECA:** nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju. Il-membri, it-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jattendu l-oqsma tal-Mużew ser janimaw il-quddiesa tas-7:00pm. Ġenituri, ħbieb u benefatturi huma mistiedna jattendu għal din il-quddiesa ad unur tal-qaddis Malti San Ġorġ Preca li tant għamel u qed jagħmel ġid permezz tal-għaqda li waqqaf.

**ĦARĠA KULTURALI:** f'siti li bbenefikaw minn Fondi Ewropej nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju (Knejjes tal-Għasri, Ta' Sannat, Ta' Kerċem u Ta' Pinu). Kollox b'xejn. Għal aktar informazzjoni staqsu l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am